# Ċinkwantenarju Bażilika

*18 ta' Jannar 1950 – 18 ta' Jannar 200*

Kitba ta' Dun Anton Mallia Borg

**Is-Sena Elfejn**

Diversi nies minn bosta bnadi qegħdin isemmu l-millejnju l-ġdid. Il-Papa Ġwanni Pawlu b'mod speċjali għandu tamiet kbar dwar din il-ġrajja speċjali u ta' barka. Sa mill-bidu tal-Pontifikat tiegħu semma l-espressoni li tant drabi smajna: "iftħu qalbkom beraħ għal Kristu". Ma jidher li għandu ebda xewqa oħra dan ir-Ragħaj kariżmatiku, ħlief li jressaq lil kull bniedem lejn Ġesù l-Feddej tal-bnedmin.

**Għalina Karkariżi**

Aħna parti mill-merħla l-kbira ta' dan ir-Ragħaj, Vigarju ta' Kristu u jinteressana dak kollu li jressaqna lejh. Nagħmlu ħilitna biex nieħdu sehem fl-attivitajiet kollha li jkunu organizzati f'din is-sena speċjali tal-Ġublew. Iżda din is-sena partikulari tfakkarna f'dak li għaddejna minnu ħamsin sena ilu. Snin qabel, Birkirkara għaddiet min perjodu ma tantx hu sabiħ. Għal bosta snin il-festa esterna tal-Qaddisa Sant'Elena kienet sospiża, kemm minħabba t-tieni gwerra dinjija, kif ukoll minħabba raġunijiet oħra storiko-ġuridiċi. L-istorja ma jista' jmeriha ħadd. Bit-tħabrik ta' l-E.T. Rev. Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta fuq talba tiegħu innifsu, Il-Papa Piju XII għolla l-Kolleġġjata Elenjan għall-unur ta' Bażilika Minuri. Dan kien fil-jum tat-18 ta' Jannar 1950 fit-tnax-il sena tal-Pontifikat tiegħu.

Id-Digriet mogħni bis-siġill tad-dokumenti pontifiċji, isemmi l-preġju tat-tempju elenjan, tant magħruf minħabba l-istil tiegħu, l-opri artistiċi li jorqmuh u ħwejjeġ oħra ta' preġju. Jixraq għalhekk li l-qarrejja jkunu jafu aktar dwar dan. Fost ħwejjeġ oħra l-Konċilju fid-dokument dwar il-Liturġija (129) jinsisti li l-kjeriċi fl-istudji tagħhom jitgħallmu wkoll il-ġrajja u l-evoluzzjoni ta' l-Arti Sagra biex ikunu jistgħu jistmaw u jżommu monumenti prezzjużi tal-Knisja.

**Knisja u Bażilka**

Il-kelma knisja tfisser bini pubbliku li jitħalla għall-qima pubblika ta' l-insara; il-post fejn dawn jinġabru biex joffru s-sagrifiċċju mqaddes, jitolbu, jisimgħu il-Kelma t'Alla, jirċievu s-sagramenti u jieħdu sehem fil-funzjonijiet liturġiċi. Għall-poplu t'Alla, il-knisja hi ċ-ċentru ta' l-attivitajiet qaddisa kollha, il-post fejn il-merħla ta' Kristu ssib mergħat kollhom ħdura, kif spiss nisimgħu fis-Salmi. Il-knisja hi ċ-ċentru ta' l-attivitajiet parrokkjali.

Il-knisja, bħala tempju, tista' tkun knisja metropolitana, fejn jippresiedi l-Isqof bħala Ragħaj tad-Dijoċesi. Dan jista' jkun Primat, Patrijarka jew Arċisqof. Il-knisja katedrali hi dak it-tempju fejn l-Isqof ikollu s-sede tiegħu. Din titqies bħala l-omm tal-knejjes kollha

tad-Djoċesi, il-post li fih l-insara jmorru biex jisimgħu il-kelma ta' l-Isqof, il-post fejn l-Isqof jikkonsagra saċerdoti godda, li taħt id-direzzjoni tiegħu, ikunu l-helpers tiegħu fl-apostolat. Fil-knisja metropolitana u dik katedrali jkun hemm il-kulleġġ tal-kanonċi, li huma dawk is-saċerdoti li jkollhom bħala dmir barrani tagħhom li jiċċelebraw b'mod aktar solenni l-Liturġija u jiltaqgħu flimkien biex jirreċitaw il-Liturġija tas-Sigħat. Knisja kolleġġjata hi dik imwaqqfa mill-awtorità kompetenti, li fiha skond statuti determinati, il-kanoniċi jaqdu dmirhom kemm bħala saċerdoti djoċesani kif ukoll iwettqu l-obbligu li jgħidu kuljum flimkien l-Uffiċju Divin u jieħdu sehem attiv fil-Liturġija. Knisja Konventwali hi dik li fiha l-kleru regolari jew profess ta' Ordni reliġjuż, li jistgħu ikunu ssaċerdoti u brothers. Knisja parrokkjali hu dak it-tempju fejn il-kappillan f'isem u taħt l-awtorità ta' l-Isqof iwettaq id-dmirijetet pastorlai tiegħu, mix-xandir tal-kelma sa amministrazzjoni ta' Sagramenti u dak kollu li l-parruċċani tiegħu ikunu jinħtieġu spiritwalment.

**F'Birkirkara**

Il-Papa Urbanu VII fuq talba ta' Dun Filippu Borgia li kien persuna ta' għerf, dehen u għaqal, waqqaf il-Kolleġġjata Elenjana fis-sena 1630, l-eqdem waħda fil-gżejjer maltin. Il-kanonċi addetti għaliha, maħtura skond statuti li kellhom l-approvazzjoni papali, għandhom ukoll dmirijiet pastorali,, kif jirriżulta kemm mill-kanonikati speċfiċi bħal Penitenzier, Teologu u Kantur, kif ukoll mill-istorja tal-Kolleġġjata Elenjana tul il-mijiet ta' snin ta' l-eżistenza tagħha.

F'Jannar 1950, meta kien Prepostu Mons. Emanuel Vella, din il-Kolleġġjata ġiet mgħollija għall-unur ta' Bażilika. Kienu jiem ta' entużjażmu kbir fost i l-poplu ta' Birkirkara. Applaws kbir sar meta l-Prepostu Vella tela' fuq il-pulptu u ġo knisja ffullata bin-nies qara d-digriet papali tal-Bażilika. Saru festi kbar; ħadu sehem il-baned u bdew isiru l-festi esterni b'mod solenni u devot. Kien hemm qawmien spiritwali wkoll, barra l-entużjażmu. L-inkarigati bdew jaħsbu kif jirrimedjaw għall-insignia tal-Bażilika li sa dak iż-żmien ma kellniex. Iżda b'rieda soda bdew isiru t-tħejjijiet kollha.

**Xi tfisser Bażilika?**

Xi knejjes jingħatalhom l-unur ta' Bażilika. Din il-kelma ġejja mill-grieg u oriġinarjament tfisser sala kbira bil-kolonnat fejn kienu jinżammu seduti ġudizjarji jew post fejn tiltaqa' l-ġemgħa. Il-Bażilka hi ta' żewġ xorti: dik maġġuri u dik minuri. Kemm il-waħda kif ukoll l-oħra huma magħrufa għall-qedem, struttura, dinjità u privileġġi. Kull waħda minn dawn għandha altar papali. Il-bażiliċi msemmija huma l-erba' patrijakri:

a) Il-bażilika ta' San Ġwann Lateran. L-Omm tal-knejjes kollha. Hi għandha t-titlu ta' Arċibażilika u tirrappreżenta l-Patrijarkat kollu tal-Punent.
b) Il-bażilika tal-Vatikan, li tirrappreżenta l-Patrijarkat ta' Konstantinopli.
c) Il-bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura, li tirrappreżenta il-Patrijarkat ta' Lixandra fl-Eġittu;
d) Il-bażilika ta' Santa Maria Maggiore, dedikata lill-Madonna. Din tirrappreżenta lill-Patrijarkat ta' Antijokja.

Il-knisja ta' San Lorenzo fl-imgħoddi kienet tgawdi l-istes unur tal-bazilika.

Il-bażilki minuri għandhom titlu ta' unur. Il-kleru addett għalihom għandhom ċerti

drittijiet ta' preċedenza fuq il-kleru l-ieħor li mhux marbut ma' bażilika. (Fl-imgħoddi dan qajjem xi nuqqas ta' ftehim bejn il-kolleġġjani Maltin, l-aktar dawk l-aktar qodma). Bażilika ta' din ix-xorta għandha l-privileġġ li ġġib l-insignia tagħha. Dawn huma l-umbrellun u t-tintinnabulum fil-proċessjonijiet, is-salib papali fuq il-fortispizju u bnadi oħra, kif ukoll l-altar taħt tribuna iħares lejn il-poplu. Li ċ-ċelebrant iqades wiċċu lejn il-fidili, kien privileġġ ta' qabel ir-riforma liturġika. Illum hu ħtieġa u kull fejn tinbena knisja ġdida dan l-altar hu obbligatorju u hekk jitolbu l-ħtiġijet attwali.

Fl-imgħoddi kien hemm xewqa li jinħatt l-altar ta' rħam prezzjuż, opra ta' Salvu Psaila biex floku ssir it-tribu u l-altar mensa. Għal xi raġuni dan ma sarx. Personalment llum napprova din id-deċiżjoni li jitħallew dawk l-opri ta' preġju li jmorru ma' l-altar l-maġġur bħal ventartal tal-fidda opra ta' Cannataċi, it-tużell, il-gandlieri, l-Appostli u dak is-sett ta' fjuretti tal-ganutill, il-ġirandoli u tant irqaqat oħra, li min jaf fejn kienu jispiċċaw? Mingħajr l-altar mensa u t-tribuna ma ntilef xejn mill-unur ta' Bażilka Minuri li ilna ngawdu għal ftit anqas minn nofs seklu.

**Għeluq**

Naħseb li ċ-ċinkwanternarju tal-Bażilka jiġi mfakkar. Dan ser jaħbat ma' avveniment mondjali ta' mportanza kbira. Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku sa fejn ikun possibbli kull attività li ssir, tkun konformi mar-rieda tal-Papa li nieda l-Ġublew tas-sena elfejn. Wara kollox l-iskop ta' kollox hu wieħed li "L Alla u lil Alla waħdu jingħataw unur u glorja" għal kemm itulu ż-żmijiet.





# Foam & Leather

**BEDDING & UPHOLSTERY PRODUCTS**

**24, High Street,**
**Hamrun HMR 02, Malta**
**838, High Street,**
**Hamrun HMR 02, Malta**

**Showroom Tel: 232159**
**Factory Tel: 225759**